MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Numru 378/2008

**PULIZIJA**
**SUPRETENDENT CARMELO MAGRI**
**VS**
**COSTANTINO GOUDER**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Costantino Gouder, ta' 27 sena, iben Costantino u Jane nee'Vella, imwieled Pieta, nhar l-3 ta' Marzu 1981, residenti Sptar Santa Maria Luqa, detentur tal-Karta ta' l-Identita 138481(M) .

Billi hu akkuzat talli:

Fil-24 ta' Settembru 2006 ghall habta tas-6:40 ta' filghodu mill-fond bin-numru 59 sitwat fi Triq Santa Rita Sliema kkommetta serq ta'arlogg tad-deheb ghad-dannu ta' Elvira

Vigar. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u bil-lok;

Fl-Istess data, hin, lok u cirkustanza, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad-dannu ta’l-istess Elvira Vigar, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 23.29) izda ma tiskorrix – il mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu ( €116.47);

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, u fil-granet ta’ wara din id-data, xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, sar recidiv ai termini ta’ Artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali a fol 6 ,u ta’ l-imputat a fol 16 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammisjoni ta’l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-ammisjoni ta’ l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat **Costantino Gouder** hati ta’ l-ewwel , it-tieni u ir-raba’ akkuza, mhux hati tat-tielet akkuza, liema akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza ta’ serq, li minnha tilliberah , u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261,263, 264, 267,

269, 280, 325, 533 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 7 Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin (3), taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Il-Probation Officer nominat ghandu jirraporta lill-Qorti kull sitt xhur fuq l-andament ta' l-imputat. Il Qorti tordna li l-imputat jhallas is-somma ta' erbgha mija tnejn u tmenin ewro u wiehed u tletin centezmu (€482.31),l-ispejjes inkorsi f'dawn il-proceduri fi zmien sitt xhur b'rati mensili.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-ammisjoni ta' l-imputat il-fatt illi jidher li l-imputat, mid-data ta' l-akkuza, irriforma ruhu, illum qieghed jahdem u ghandu famija b'erbat it-tfal, u ma nfethu ebda proceduri kriminali kontra tieghu mid-data ta' l-akkuza sal-llum.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------